MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 206/2011

**A B**

vs.

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu r-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat C D żżewġu fit-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sitta u disgħin (1996), kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn mehmuż u immarkat bħala '**Dokument A**';

2. Illi mill-istess unjoni twieldu żewġt itfal, E u F aħwa D, li sa llum il-ġurnata għadhom it-tnejn minuri;

3. Illi ż-żwieġ ta’ bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u fis-sena 2004 l-partijiet isseparaw *de facto* u ilhom ma jgħixux flimkien sa minn dak iż-żmien;

4. Illi fit-23 ta’ Mejju 2007 l-intimat ippreżenta l-kawża fl-ismijiet ‘*C D vs. A D’* (Rikors numru 225/2007 JA) fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara null iż-żwieġ ta’ bejn il-partijiet;

5. Illi l-partijiet isseparaw legalment fl-14 ta’ Marzu 2008 wara li laħqu ftehim bejniethom għal separazzjoni bonarja fejn kwistjonijiet ta’ aċċess, kustodja u manteniment tat-tfal kif ukoll kwistjonijiet relatati mas-separazzjoni tal-beni tal-partjiet ġew indirizzati, hekk kif jidher mill-att ippubblikat min-Nutar Dr. Nicholas Briffa, kopja awtentikata ta’ liema qiegħda tiġi hawn mehmuża u mCata bħala ‘**Dokument B**’;

6. Illi sussegwentement, fis-16 ta’ Jannar 2009 din l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba tal-intimat sabiex tiddikjara ż-żwieġ ta’ bejn il-kontendenti null, iżda rriCat li “…*sfotunatament għalih* (l-attur C D) *f’Malta ma jeżistix ir-rimedju veru li jonqsu, u ċioe’ d-divorzju, li l-Qorti tal-Familja probabbilment ma jkollha ebda problema li takkorda f’dan il-każ kieku dan l-istitut jifforma parti mill-ordinament ġuridiku tagħna. Annullament mhux sostituzzjoni għal divorzju u allura l-Qorti bilfors trid tara jekk jeżistux ir-raġunijiet biex jiġi akkordat.*”;

7. Illi l-partijiet għadhom sa llum il-ġurnata ma rrikonċiljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta’ rikonċiljazzjoni fil-futur, anke’ minħabba l-fatt li t-tnejn li huma qegħdin f’relazzjoni stabbli ma terzi persuni;

8. Illi kemm il-partijiet u kif ukoll uliedhom għandhom dħul u/jew manteniment adegwat għalihom, u in oltre' m'hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet.

Talbet ghar-ragunijiet fuq imsemmija li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex skond dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni :

(i) Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet, li seħħ fit-3 ta' Mejju 1996, bħala żwieġ maħlul (divorzju) għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi; (Art. 66A(1), Kap. 16)

(ii) Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.
(Art. 66A(4), Kap. 16)

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru, 2011;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li *in forza* taghha huwa issottometta :

L-intimat jaqbel mal-fatti kollha kif esposti fir-rikors tar-rikorrenti martu u ma hux joġġezzjona għat-talbiet tagħha illi din l-onorabbli Qorti
1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u li

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqsekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

L-intimat jitlob umilment li huwa ma jeħilx l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u li dawn għandhom jitħallsu kollha mill-attriċi.
Rat illi r-rikorrenti ikkonfermat bil-gurament taghha ir-rikors taghha tat-3 ta' Ottubru 2011;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi l-kundizzjonijiet kollha rikjesti mill-Ligi sabiex zwieg jigi dikjarat mahlul gew sodisfatti u dana peress illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, il-partijiet isseparaw legalment fl-14 ta’ Marzu 2008 u, skond kif ikkonfermaw bil-gurament taghhom il-partijiet, ma hemm l-ebda problema dwar manteniment dovut lejn il-partijiet, jew lejn uliedhom;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa’ t-talbiet, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------